**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Lara Butters]**

**vs**

**Miriam Elabed**

**Kumpilazzjoni Numru: 272/17**

**Illum, 18 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Miriam Elabed detentrici tal-karta tal-identita` numru 0212793(M).

Akkuzata talli fl-14 ta' Mejju, 2017 ghall-habta tal-05:30a.m., gewwa il-lokalita' tal-Gzira;

1. Minn fuq il-persuna ta' Roselyn Finocchiaro gewwa il-Gzira, ikkommettiet serq ta' kartiera ta' nisa, tmenin ewro (€80) flus kontanti, Credit Card tal-HSBC bank, handbag ta' lewn kannella, dokument ta' licenzja tas-sewqan u affarijiet ohra ghad-detriment ta' Roselyn Finocchiaro u/jew persuni ohra, liema serq hu kwalifikat bi vjolenza, bil-

hin u bil-valur li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi ta’ Euro (2329.37€);

2. ukoll talli bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil-istess Roselyn Finocchiaro kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra;

3. ukoll talli gewwa Gzira, ghal-habta tal-05:30am, b’atti esterni tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe’ serq min go vettura ta’ ghamla Maruti numru ta’ reg. ABM-434 ta’ diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u indipendenti mill-volonta’ taghha, u li sar ghad-detriment ta’ Jonathan Fiteni detentur ta’ karta ta’ Identita: 0358478M u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250) fuq vettura ta’ ghamla Maruti numru ta’ reg. ABM-434 ghad-dannu ta’ Jonathan Fiteni u/jew persuna/i ohra;

5. U aktar talli waqt li kienet qed taghmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta' kellha fuq il-persuna taghha xi arma regolari (sikkina), jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghet ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' taghha ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirrappora l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghtu dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

8. U aktar talli rrendiet ruhha recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

9. Finalment, akkuzata wkoll talli ikkommettiet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija min Magistrat Dr. A. Demicoli LLD nhar is-27 ta' Gunju, 2014.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Roselyn Finocchiaro, detentrici tal-karta ta' l-identita' 576584M u Jonathan Fiteni, detentur tal-karta tal-identita 0358478M kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha izda li fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) hija

rregistrat ammissjoni fuq l-akkuzi kollha kontriha u kkonfermat tali ammissjoni anke' wara li nghatat zmien opportun sabiex tikkonsidraha;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi ix-xhieda migjuba;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward il-piena;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 86, 87(e), 261(a)(c)(f), 262 (1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 289, 325(1)(c), 334 tal-Kap 9, l-Artikoli 19 u 24(2)(b) tal-Kap. 258 u l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil **Miriam Elabed** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u stante li s-sitt (6) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, in kwantu ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), u t-tmien (8) akkuzi u tikkundannaha ghall-perjodu ta' prigunerija ghal sentejn (2) filwaqt li ghas-seba' (7) akkuza tikkundannaha ghall- multa ta' hamsin ewro (€50) filwaqt li ghad-disa' (9) akkuza tordna li s-sentenza sospiza inflitta fuq l-imputata nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL. D terga' tibda tiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-imputata qieghda wkoll tigi kkundannata ghall-hlas ta' mitejn u sittin ewro (€260) lill-parte civile.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**